**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 11 ta' Dicembru, 2018**

**Rikors nru: 142/18 AGV**

A

vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent pprezentat fil-31 ta' Mejju, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu fl-24 ta' Mejju, 2015.
2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.
3. Illi r-rikorrenti u l-intimata huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 19 ta' Mejju, 2017, fl-atti tan-Nutar Dr. Keith Calleja (Dok.A) b' liema kuntratt l-intimata rrivertiet ghall-kunjom xbubitha C.
4. Illi meta zzewwgu r-rikorrenti ragel kellu hamsin sena u l-intimata mara kellha hamsa u erbghin sena. Wara biss tlett gimghat ta' gherusija l-intimata ppoponiet li l-partijiet jizzewwgu. Wara sentejn il-partijiet izzewwgu u wara sena li zzewwgu sseparaw. L-intimata kienet diga' mizzewwga qabel u kellha tifel. Ma kienx hemm qbil dwar il-fatt

li jkollhom tfal. L-intimata riedet tkun vicin ommha u xtaqet sahansitra tghix maghha. L-intimata riedet sigurta' aktar minn zwieg fejn il-partijiet jibnu familja.

5. Illi l-kunsens tal-intimata ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg (Art.19 (1d)).

6. Illi l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg (Art.19(1f)).

7. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu fil-ligi.

8. Illi ghalhekk qieghda ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn premessi r-rikorrenti jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet iccelebrat fl-24 ta' April, 1994 huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini tal-Artikolu 19(1d) u/jew l-Artikolu 19 (1f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjes kontra l-intimata li tibqa' minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata fejn eccepiet illi:-

1.Illi mhuwiex kontestat illi l-partijiet kienu zzewwgu fl-24 ta' Mejju, 2015.

2. Illi lanqas ma huwa kontestat illi minn dan iz-zwieg ma twieldu ebda ulied u li l-kontendenti llum huma separati legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Dr. Keith Calleja.

3. Illi mhuwiex kontestat lanqas illi meta zzewwgu, l-eccipjenti kellha 45 sena filwaqt li l-intimat zewgha kellu 50 sena.

4. Illi hija kontestata pero' l-ewwel parti tar-raba' premessa attrici fejn jigi illi ma kienx hemm qbil dwar il-fatt li jkollhom tfal u dana stante illi l-kontendenti kienu qablu bejniethom minn qabel iz-zwieg illi jeskludu l-ulied miz-zwieg, tenut kont tal-eta' taghhom.

5. Illi hija kontestata t-tieni parti tar-raba' premessa attrici fejn jigi allegat l-esponenti riedet tkun iktar vicin t'ommha u li aktar milli zwieg hija kienet riedet sigurta'. L-esponenti tirrileva illi huwa minnu illi hija kellha l-ghazla illi wara z-zwieg il-kontendenti jmorru jirrisjedu ma' ommha, pero' hija ghazlet illi ma tihux din l-opportunita'. Apparti minn hekk, l-esponenti riedet iz-zwieg mal-intimat zewgha biex flimkien huma jkunu koppja b'impenn lejn xulxin.

6. Illi kien fil-fatt l-intimat illi ried iz-zwieg mal-esponenti sabiex ikollu min jdur bih stante illi hu kien marad.

7. Illi kien il-kunsens tal-intimat A ghal dan iz-zwieg illi kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghhom, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

8.Illi hemm qbil dwar is-sitt premessa tar-rikors guramentat fl-ismijiet premessi u cioe' illi l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzzjoni ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg u l-esponenti isostni illi dawn kienu imputabbli ghall-intimat zewgha.

9.Illi l-esponenti ma tikkontestax is-seba' premessa tar-rikors promotur fil-kawza fl-ismijiet premessi, u cioe' illi z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu fil-ligi.

10.Illi l-esponenti taqbel mat-talbiet attrici, illi z-zwieg huwa null ai termini tal-Artikolu 19 (1d) u/jew Artikolu 19 (1f) tal-Kap 255 tal-Ligiijiet ta' Malta, ghall-ragunijiet imputabbli ghall-intimat zewgha.

11. Illi l-esponenti lanqas ma toggezzjona ghat-tieni talba attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti A li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

**Fatti**

Mill-provi prodotti mir-rikorrent jidher illi l-koppja kienet izzewwget fl-24 ta' Mejju, 2015 u dan meta r-rikorrent kellu 50 sena, filwaqt illi l-intimata kellha 44 sena. Ighid li wara hames gimghat gherusija, l-intimata kienet ipproponiet li jizzewwgu u fi zmien sentejn gie ccelebrat iz-zwieg, li ma damx aktar minn sena.

Ir-rikorrent jispjega illu hu kien halla lill-intimata tikkonvincih biz-zwieg u dana peress li kien ihoss il-pressjoni u sens ta' dover biex jikkuntentaha. Kien anke pjuttost jithassarha peress li l-ewwel zwieg taghha kien falla. Ighid li ghalhekk ma kellux kapacita' mentali li jiddeciedi serenament u kien vittma tac-cirkostanzi.

Pero' r-rikorrent jammetti ukoll, li minkejja li l-intimata kienet taghmillu hafna pressjoni biex jizzewwgu, fl-istess waqt kien serrah mohhu, peress li kellu 50 sena u ma riedx jqatta' l-bqija ta' hajtu wahdu. Izda wara ntebah li din id-decizjoni kienet wahda zbaljata ghaliex tard fil-gurnata nduna li z-zwieg huwa mibni fuq l-imhabba u mhux bhala skuza biex persuna sserrah mohha.

Ir-rikorrent jistqarr li dakinhar tat-tieg ma kienux ikkonsumawh u jghid li ma tantx kien ikollhom relazzjoni intimi bejniethom u jekk kien ikun hemm, kien ihoss li kienu sfurzati. Kienet dejjem l-intimata li kienet tiehu l-inizjattiva u dan ghaliex xtaqet tibni familja, izda r-rikorrenti jammetti li kien ghamilha cara sa minn qabel iz-zwieg li ma riedx tfal.

Ir-rikorrent jirrakkonta ukoll li l-intimata ghandha tifel maggorenni li twieled minn relazzjoni precedenti u qabel ma zzewwgu dan kien joqghod ma' missieru, izda meta zzewwgu kien mar

joqghod maghhom, pero' ma kienx kuntent b'din is-sitwazzjoni u meta ffacca l-intimata b'dan spjegatlu li ma kinitx disposta li tkecci lill-binha.

Ir-rikorrent jispjega kif id-dizgwid bejniethom zdied meta l-intimata riedet iggib lill-ommha tghix maghhom ukoll u hu rrifjuta, minhabba li xtaq li jkollu l-privatezza tieghu. Kienu jiggieldu ta' sikwit bil-kbir u dan minhabba, ighid ir-rikorrent, li l-intimata ma kinitx tara l-obbligazzjonijiet matrimonjali.

Fl-ahhar ir-rikorrent ighid li ma hassx li kien hemm imhabba kif ghandu jkun hemm bejn koppja, aktar kien hemm rispett reciproku, ghaliex kienu kumpanija ghal xulxin.

Rat ix-xhieda tal-intimata li spjegat li kienet iltaqghet mar-rikorrent fit-3 ta' Awwissu, 2012 tramite' hbieb komuni. Dak iz-zmien hi kellha 41 sena, filwaqt li r-rikorrent kellu 48 sena. L-intimata xehdet ukoll li qabel kienet mizzewwga ma' D fis-sena 1993 u minn dan iz-zwieg kellhom tifel E. Kienet telqet mid-dar matrimonjali fl-2002 u kienet ottjeniet is-separazzjoni u mbaghad l-annullament mit-Tribunal Ekklesjastiku.

L-intimata tixhed ukoll li r-rikorrent kellu diversi relazzjonijiet intimi ma' nisa ohra kemm Maltin kif ukoll barranin, pero' qatt ma kien izzewweg. Kien qalilha li meta kellu ghoxrin (20) sena kien ha jizzewweg gewwa l-Awstralja u kien anke xtara post, izda z-zwieg ma kienx sehh.

Waqt l-gherusija, l-intimata tispjega illi kienu jiltaqghu xi darbtejn jew tlieta fil-gimgha u generalment kienet tinzel hi minn Haz-Zabbar, ghax ir-rikorrent kien joqghod l-Imsida u kien jilmenta li ma kienx isib parkegg jew minhabba li kien ibati minn fibromyalgia. Eventwalment, tghid li dan il-hrug waqaf peress li aktar bdew ighaddu hin ghand omm ir-rikorrent jaraw it-televizjoni. Ir-rikorrent kien xtara post ftit qabel ma bdew l-gherusija taghhom u kien waqqa' l-bini, flimkien ma' terz u kienu bnew erbgha appartamenti u tnejn kienu tar-rikorrent. Sabiex lesta u kompla dawn l-appartamenti, l-intimata tghid li kienet selfitu cirka hamsa u erbghin elef Euros (€45,000).

Dwar ir-rikorrent, l-intimata tghid li kien inkonsistenti bhala persuna. Gieli kien jitlobha titilqu ghax kien kiber u kien ibati mill-fibromyalgia u gieli kien jitlobha biex jikkoabitaw. L-intimata tispjega li l-fatt li r-rikorrent kien ibati mill-fibromyalgia ma kienx iddejjaqha, izda kienet kontra l-koabitazzjoni.

Tghid li kien ir-rikorrent li kien talabha biex jizzewwgu f'Dicembru, 2014, bil-kundizzjoni li jmur ighix magghom binha E u r-rikorrent ried igib il-kelb mieghu, kif ukoll ried kundizzjoni li seta' jikkomunika ma' huh li kien ighix barra minn Malta bl-iskype.

Tul l-gherusija, tghid li r-rikorrent ma tantx kien jingwalha mal-familjari taghha, tant hu hekk li d-darbtejn li ltaqghu kien argumenta ma' huha F.

L-intimata tkompli tirrelata dwar iz-zwieg taghhom li gie ccelebrat fl-24 ta' Mejju, 2015 u tghid li mill-ewwel beda l-inkwiet bejniethom. L-aktar kien minhabba l-kelb tar-rikorrent li kien igorru l-hin kollu mieghu u l-intimata kienet titqazzu peress li kien xih u marid. L-argumenti l-iehor kien ikun minhabba  bin l-intimata li kien mar ighix maghhom u r-rikorrent u E ma kienux jaqblu.

Imbaghad kien hemm problemi, peress li r-rikorrent ma kienx jiehu gost li l-intimata kienet tmur regolarment biex tara lill-ommha u lin-nanna materna f'Haz-Zabbar. Ghalih dan kien hrug u tilmenta li meta mietet in-nanna u t-tifla tan-neputija fi zmien jumejn ma kienx akkumpanjaha ghall-funerali u lanqas kien ta farag ghaliha.

L-intimata tkompli tispjega kif il-hajja matrimonjali saret insopportabbli ghaliex minkejja li kienet tiehu hsieb l-appartament, isajjar u ddur bir-rikorrent, qatt ma kien grat u minflok kien ighajjarha. Kienet tohrog l-ispejjes tal-hajja kollha hi u tghid li anke sesswalment, ir-rikorrent ma kienx ifittixha, apparti li dejjem kien hemm il-kelb tieghu rieqed bejniethom. Tghid li kien juri aktar affezzjoni lejn ommu u l-kelb.

L-intimata tispjega kif kienet konvinta li A qatt ma ried jizzewweg u kien hares lejn iz-zwieg bhala konvenjenza biex ikollu xi hadd biex jiehu hsiebu u bhala kumpanija, izda tghid iz-zwieg taghhom kien nieqes minn kull affezzjoni u mhabba. Xahrejn wara z-zwieg u cioe' f'Lulju, 2015 ir-rikorrent ried separazzjoni ghax hass li z-zwieg ma kienx ighodd ghalih. Kien xorta ifittex avventuri ma' nisa ohra u fil-fatt kien irregistra fuq dating websites. L-intimata tispjega kif hi riedet taghti ftit aktar cans, biex forsi jirnexxu, izda ma kienx hemm triq ohra u sa Dicembru, 2015, kienu diga' tkellmu mal-avukati rispettivi taghhom biex jibdew il-proceduri ta' separazzjoni. Sa Frar, 2017, kienu ftehmu konsenswalment fuq il-kundizzjonjijiet ta' separazzjoni u fil-fatt kienu ffirmaw il-kuntratt fid-19 ta' Mejju, 2017.

Rat id-dokumenti esebiti.

**Kontradittorjeta' fit-Talbiet Attrici.**

Qabel xejn, peress illi r-rikorrent ibbaza t-talba tieghu ghan-nullita` taz-zwieg sew fuq is-subinciz (1)(d) kif ukoll fuq is-subinciz (1)(f) tal-Artikolu 19 tal-Kap. 255, ghandu jinghad illi diversi drabi gie dikjarat mill-Qrati taghna illi kawza dwar annullament ta' zwieg imsejsa fuq is-subinciz (1)(f) u fl-istess waqt ukoll fuq is-subinciz (1)(d), ghandha titqies li tikkontjeni talbiet kontradittorji. Ghalkemm ma jidhirx li tali kontradizzjoni twassal ghan-nullita' tal-att, pero` min-natura taghhom dawn iz-zewg kawzali flimkien inevitabbilment idghajfu lil xulxin.

Dwar l-inkompatibilita' bejn dawn iz-zewg sub-incizi intqal hekk fis-sentenza **Kenneth Cefai vs Louise Cefai** [1]Deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Novembru 2011:-

*"Ghar-rigward tal-kompatibilita` tas-sub-artikoli (d) u (f) imsemmija, din il-Qorti, ghal ennesima darba, tirribadixxi li talba bazata fuq dawn iz-zewg kawzali ma tistax, teknikament, treggi. Fil-kawza* ***Baldacchino v. Duan****, deciza minn din il-Qorti fit-3 ta' Dicembru 2010, kien intqal hekk fir-rigward :- "It should be noted from the outset that, technically, this case should not have been discussed on its merits, as the two grounds put forward to support a claim for nullity cannot stand together and mutually exclude each other. While claiming that the spouses had sufficient discretion to exclude an intention to marry (simulation), plaintiff is automatically excluding the grounds of lack of discretion; similarly, while claiming a lack of discretion, he is automatically rebutting the ground under paragraph (f), as this implies a positive act of discretion to exclude marriage."*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Novembru, 2011

Il-Qorti ser titratta iz-zewg kawzali izda naturalment fl-isfond tal-gurisprudenza nostrana fir-rigward ta’ kawzali kontradittorji bhal fil-kaz odjern.

**Nullita taht l-Artikolu 19(1) (d)**

***d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;***

**Ikkunsidrat;**

Gie diversi drabi ritenut li d-decizjoni li wiehed jizzewweg tirrikjedi qabel xejn li wiehed jaghmel apprezzament ta’ xi tfisser li wiehed jghix hajja mizzewga, bid-drittijiet u l-obbligi li tali decizjoni ggib maghha. Ghalhekk huwa imperattiv li biex jigu stabbiliti x’inhuma d-drittijiet u l-obbligi ta’ koppja mizzewga, wiehed ihares lejn il-ligi civili kif regolat permezz tal-Kodici Civili.

**Il-Kodici Civili fl-Artikolu 2** intestat ***Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara Lejn Xulxin*** jelenka l-jeddijiet u d-dmirijiet li jitnisslu miz-zwieg:-

***Artikolu 2.***
*(1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabbilita' tal-familja.*
*(2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.*
*(3). Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja.*

**Ikkunsidrat;**

Fis-sentenza **Alessandra sive Sandra Mc Monagle gia' Mamo vs Mario Mamo**[2], il-Qorti fissret illi sabiex jirrendi l-kunsens moghti ghaz-zwieg invalidu ai termini tas-subinciz (1)(d) tal-Artikolu 19, jehtieg illi:-

"*fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali ossia gravi, minn dik il-fakolta' kritiko estimattiva jew kritko valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.*" [sottolinejar ta' din il-Qorti]

Il-gurisprudenza fir-rigward ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju hija konkordi fis-sens illi d-difett li wiehed jevalwa, jifhem u jassumi d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li japprezza u jifhem x'ifisser iz-zwieg u l-hajja mizzewga, irid ikun wiehed gravi, tant illi m'huwiex kwalunkwe stat ta' immaturita` fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, iwassal ghall-annullament taz-zwieg minhabba nuqqas ta' *discretio judicii*.

Fis-sentenza **Mario Mizzi vs Maris Mizzi,** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru 2005, gie ritenut illi:-

"*Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.*"

**Ikkunsidrat;**

[2] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Ottubru, 2000

In-nuqqas tad-*discretio judicii* huwa tabilhaqq kuncett guridiku li ghandu affinita` inerenti mal-kapacita` ta' wahda mill-partijiet jew entrambi l-partijiet fiz-zwieg, li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. In propositu, fis-sentenza **Charles Atkins v. Matilde Atkins**[3], inghatat spjegazzjoni dettaljata tal-kuncett ta' *discretio judicii* li huwa rikjest biex tikkonvalida l-kunsens matrimonjali:-

"*Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi. ... Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-drittijiet u r-responsabbilitajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom.*"

Huwa rilevanti jigi senjalat ukoll li jinsab imfisser fil-gurisprudenza nostrana[4] illi b'immaturita` affettiva wiehed ma jifhimx sempliciment nuqqas ta' affett lejn il-parti l-ohra jew nuqqas ta' gibda lejha jew nuqqas ta' imhabba. Lanqas il-fatt li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement jew ma tkunx hasbet jew irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, ma jitqiesx necessarjament bhala difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju ghaliex f'kull kaz, id-difett riskontrat irid ikun wiehed serju u gravi u mhux ibbazat fuq incident uniku.

**Ikkunsidrat;**

Ir-rikorrent kellu hamsin (50) sena meta zzewweg mal-intimata, li kellha erbgha u erbghin (44) sena u kienu ltaqghu tramite hbieb komuni. Huwa fatt stabbilit illi l-intimata diga' kienet izzewwget darb'ohra u kellha tifel, filwaqt li ghar-rikorrent kienet biss l-ewwel esperjenza tieghu. Jispikka l-fatt li l-gherusija ma tantx damet ghax fi zmien sentejn kienu zzewwgu. Ma johrogx car mill-provi minn ried jizzewweg. Ir-rikorrent jinsisti li kienet l-intimata li kienet

---

[3] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru, 2003
[4] Ara r-rassenja tal-gurisprudenza in materja li tinsab fis-sentenza Simon Cusens vs. Romina Cusens supra.

taghmillu pressjoni, filwaqt li l-intimata tghid li ghalkemm kien hemm mumenti fejn ir-rikorrent kien indeciz dwar ir-relazzjoni minhabba li kien ibati mill-fibromyalgia, kien hemm drabi ohra fejn ried jikkoabita, izda kienet irrifjutat u mbaghad tghid li kien ir-rikorrent li kien ippropona li jizzewwgu.  L-istess indecizjoni setghet kienet riflessjoni tar-rikorrent li ma kienx lest ghall-hajja mizzewwga.

Hija ukoll haga ta' barra minn hawn, kif bla ezitazzjoni u b'mod konsistenti, il-kontendenti jamettu li biex izzewwgu kienu poggew kundizzjonijiet rispettivament, ir-rikorrent ried li jgib il-kelb tieghu fid-dar matrimonjali u li jkun jista' juza' l-Iskype biex jikkomunika ma' huh li kien ighix barra minn Malta. Ir-rikorrent ighid li kien ghamilha cara li ma riedx familja u  l-intimata fir-risposta taghha tghid li kienet taqbel u dan tenut kont tal-eta' taghhom. Il-kundizzjoni ghaz-zwieg tal-intimata kienet li minn naha taghha riedet igib lit-tifel taghha li kellu tmintax-il sena, ighix maghhom.

Dawn il-kondizzjonijiet imposti fuq il-kunsens taz-zwieg huma kollha ingredjenti li juru li kien hemm nuqqas ta' konsapevolezza u xjenza tal-hajja mizzewwga, partikolarment da parti tar-rikorrent. Din il-Qorti ssibha difficli biex tifhem x'impatt seta' kellu fuq id-decizjoni tieghu jekk jizzewwigx lill-intimata jew le, jekk jikkomunikax ma' huh li jghix barra minn Malta!

L-indecizjonijiet ikompli jispikkaw fir-rikorrent, ftit wara li zzewwgu ried separazzjoni, tul is-sena li kienu mizzewwgin, kienet l-intimata li kienet thallas ghall-ispejjes tal-hajja, ir-relazzjonijiet intimi kienu rarissimi u l-istess rikorrenti jametti li meta kien hemm "*konna qed nisfurzaw ruhhom.*" Ir-rikorrent kien ukoll ighozz hafna lill-kelb tieghu, tant li l-intimata tilmenta li kien dejjem rieqed bejniethom u kien kontinwament igorru kullimkien, qisu xi skuza biex jevita lill-intimata.

Kien hemm nuqqas ta' rispett ukoll lejn il-familjari tal-intimata, tant li lanqas kien attenda l-funeral tan-nannitha. Jametti ukoll li rrifjuta li l-intimata ggib lill-ommha tghix maghhom, apparti l-fatt li kien hemm problemi ma' binha E, ghax ma kienx jaqbel mieghu.

Dawn l-aspetti tal-hajja matrimonjali jitfghu dubbji serji fuq id-*discretio gudicii* tar-rikorrent, jitfghu dell fuq il-*kapacita'di intendere e volere* tieghu, ta' x'ínhuma verament id-drittijiet u obbligazzjoniet tieghu bhala ragel mizzewweg. Biex jigi ppruvat in-nullita' taz-zwieg taht id-disposizzjoni Artikolu 19 (1)(d) ir-rikorrent jehtieg li jkollu nuqqas ta' konoxxenza shiha ta'

dak kollu li jkun diehel ghalih u cioe' x'ifisser zwieg u x'inhuma l-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Ghalhekk id-difett irid ikun wiehed sever u gravi.

Is-severita' u l-gravita' giet ippruvata mill-intimata stess, li pproduciet dokumenti li juru r-reklamar tar-rikorrent fuq id-dating websites, fiz-zmien meta kienu mizzewwgin. Fi kliem ir-rikorrent stess, kien jikkunsidra lill-intimata bhala "*habiba tieghi, persuna li ha zzommli kumpanija ghall-kumplament ta' hajti.*" L-intimata ssejjah iz-zwieg taghhom bhala zwieg ta' "*konvenjenza*" ghax ir-rikorrent ma ried xejn minnha, ghajr kumpanija.

Fi kliem ir-rikorrent stess:-

*"Kont inhoss certu biza' illi ha nqatta l-kumplament ta' hajti wahdi u bl-iskuza taz-zwieg, din il-problema kienet ha tissolva. Dan il-motiv kien wiehed zbaljat u ndunajt tard wisq illi z-zwieg huwa mibni fuq imhabba u mhux fuq pretensjonijiet sabiex persuna iserrah mohha."*

Mill-provi prodotti jirrizulta zwieg li gie ccelebrat mir-rikorrent meta kellu nieqes il- fakolta' kritiko-estimattiva jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg. Iz-zwieg kien mezz biex ikollu kumpanija, mezz biex xi hadd jiehu hsiebu u jhallaslu l-ispejjes u dan minghajr gratitudni u rispetti reciproci. Ghab-bazi ta' dan, iz-zwieg ghandu jigi ddikjarat null u bla effett ai termini tal-Artikoli 19 (1) (d).

**Nullita taht l-Artikolu 19(1)(f)**

***f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

Huwa relevanti fil-konsiderazzjoni dwar in-nullita` o meno taz-zwieg bejn il-partijiet taht il-kappa tal-Artikolu 19(1) (f), il-fatt illi kif stabbilit, il-partijiet ma kienux neqsin mid-discretio judicii sabiex jidhlu ghal rabta matrimonjali validu u pjuttost kellhom il-konoxxenza mehtiega tal-obbligi u drittijiet konjugali li kienu dehlin ghalihom. Sabiex wiehed jeskludi z-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, irid ikun evalwa u fehem proprju x'inhuma dawn l-elementi.

Kif ritenut fis-sentenza **Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine**[5]:-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed (jew wahda) minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg……hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga."* [sottolinejar ta' din il-Qorti]

Gie ulterjorment ritenut fis-sentenza **Al Chahid vs Mary Spiteri**[6] illi:-

*"... wiehed jinnota li taht l-artikolu 19 (1) (f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma' ta l-kunsens tieghu, kien gja mentalment dispost li ma jottemperax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi l-gurisprudenza in materja hija konkordanti illi sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg taht l-Artikolu 19(1)(f), irid jigi necessarjament ippruvat ukoll li xi wiehed mill-partijiet eskluda z-zwieg innifsu jew wiehed mill-elementi necessarji taz-zwieg, kif ukoll li xi wiehed mill-partijiet huwa hati ta' simulazzjoni tal-kunsens tieghu jew taghha.

Skond kif ritenut fis-sentenza recenti **Simon Cusens vs. Romina Cusens**[7], sabiex zwieg jigi kkunsidrat null ai termini ta' dan is-subinciz, irid jirrizulta ppruvat li entrambi l-partijiet jew xi hadd mill-partijiet tkun hadet decizjoni li ghalkemm ser tippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg, hija tkun qieghda teskludi xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg. Fi kliem iehor, filwaqt li esternament tidher li qed taghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali, dik il-parti tkun fl-istess hin u minn qabel ma tat il-kunsens taghha, diga` mentalment eskludiet a priori d-dispozizzjoni taghha li tottempera ruhha ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali.
Fl-istess vena, gie ritenut hekk fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Atkins vs Matilde Atkins**[8]:-

---

[5] Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 28 ta' April, 2002
[6] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Gunju, 2002
[7] 104/2010, deciza minn dina l-Qorti kif presduta fl-10 ta' Dicembru, 2014 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Frar, 2016.
[8] Deciza 2 ta' Ottubru, 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

*"Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra*".

Terga' ssir referenza f'dan l-istadju ghas-sentenza fuq citata fl-ismijiet **Charles Atkins vs Matilde Atkins** fejn gie ritenut li:-

*"… rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cioe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied."*

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Abdel Wahed vs. Dr. Yana Micallef Stafrace et noe**.[9], elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-"*komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied*"[10] L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **Aquilina vs. Aquilina[11]** u fis-sentenza **Grech vs. Grech**.

**Ikkunsidrat:-**

It-talba ghall-annullament taht l-Artikolu 19 (1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta tirreferi ghall-simulazzjoni parzjali u cioe' parti, fil-mument li suppost qed taghti l-kunsens taghha, il-parti tkun eskludiet iz-zwieg, kif ukoll wiehed jew aktar obbligi  essenzjali taz-zwieg, u cioe' unjoni permanenti, eskluzziva u irrevokabbli, diretta lejn il-gid komuni, bl-iskop li jkun hemm prokreazzjoni.

Kif diga' gie ribadit hawn fuq, iz-zewg disposizzjonijiet li fuqhom ir-rikorrent qed jitlob in-nullita' taz-zwieg tieghu mal-intimata ma jistghux jigu applikati flimkien u dan stante li jekk

---

[9] Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 14 ta' Lulju, 1994
[10] Citata mill-Qorti tal-Appell fil-kawza 237/14
[11] Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 30 ta' Jannar, 1991

il-kunsens tar-rikorrent kien ivvizjat peress li kien qed ibati minn *discretio judicii*, zgur li ma setax kellu kunsens vizjat minhabba simulazzjoni taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-obbligi essenzjali taz-zwieg. Ghalhekk, il-Qorti thoss li ikun kompitu inutli li tanalizza l-fatti fid-dawl tal-Artikolu 19(1) (f) tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza, billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null ai termini tal-Artikolu 19 (1)(d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta'Malta, filwaqt li tordna li ssir l-annottazzjoni fl-istess certifikat taz-zwieg.

Bl-ispejjes ghar-rikorrent.

**Imhallef**

**Onor.Imhallef Anthony G. Vella**

**Deputat Registratur**